**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Justine Grech)**

**(Spettur Stacy Attard)**

**-Vs-**

**ARAB MOHAMMED FAISAL**

**Illum, 11 ta' Marzu 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi fil-11 ta' Marzu 2021, **ARAB MOHAMMED FAISAL** detentur ta' Numru tal-Pulizija 18N-049, tressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-10 ta' Marzu 2021:-

1. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tiegħu

2. ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu iz-zagħzagħ bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta'Malta

3. u aktar talli meta kien barra r-residenza tieghu, u cioe f'post fil-miftuh, naqas li jilbes maskra medika jew tad-drapp jew *visor* b'mod xieraq li jghatti l-imnieher, il-halq u l-geddum.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekuturi jaqraw l-akkuzi u jesebixxu diversi dokumenti fosthom is-sustanza suspettata illecita u flus;

Semghet lill-imputat iwiegeb li huwa hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi tatu zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija tieghu u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tar-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli skont kif del resto jesigu d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap. 9.

Rat id-dokumenti kollha prodotti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ghall-akkuzi li jinsab mixli bihom, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, il-Qorti

m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-fatt li l-imputat ghandu biss sittax-il sena, wasal Malta bhala immigrant irregolari u effettivament jinsab wahdu minghajr il-wens u gwida tal-genituri tieghu jew ta' xi qraba ohra, stante illi jirrizulta li missieru ma jinsabx Malta filwaqt li ommu hija mejta. Huwa evidenti fil-fehma tal-Qorti illi fic-cirkostanzi tieghu, l-imputat huwa vulnerabbli u konsgwentement jitqies bhala *an easy target* ghal min ikun qed ifittex ibiegh id-droga tramite terzi u dan huwa bla dubju dak li gara f'dan il-kaz.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat kif ukoll il-fatt li ghandu fedina penali netta izda ma tistax ma tkunx preokkupata bil-fatt illi f'eta` tant zghira, l-imputat diga` nqabad iwettaq reati ta' dan il-kalibru u ta' din il-gravita`. Lanqas tista' ma tiehux in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat instab li kien fil-pussess ta' xejn inqas minn **tnejn u tletin pakkett tad-droga cannabis** u ammetta li kien din id-droga instab fuqu f'cirkostanzi li juru li d-droga ma kienetx ghall-uzu personali tieghu u waqt li kien f'distanza ta' inqas minn mitt metru minn skola.

Il-Qorti hija mhassba li l-kommissjoni ta' reati bhal dawn f'eta` tant zghira tista' biss twassal ghall-kommissjoni ta' iktar reati gravi u fil-fehma taghha hija essenzjali l-htiega li l-imputat jinghata gwida strutturata f'hajtu u l-opportunita` ghal riforma u taghlim biex jista' jaghraf li ghandu jaghzel it-triq it-tajba u jzomm 'il boghod mill-kriminalita`. Madanakollu fic-cirkostanzi hija prekluza milli tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 anke semplicement ghall-fini li tikseb taghrif dwar ic-cirkostanzi personali u socjali tal-imputat qabel tigi inflitta l-piena, ghaliex l-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 jeskludi espressament l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-

Probation (Kap. 446) f'kaz ta' htija ghal reat taht l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101, li del resto huwa r-reat addebitat fl-ewwel akkuza u li ghalih l-imputat ammetta l-htija tieghu. Il-Qorti hija wkoll prekluza milli tapplika l-Artikolu 21 u l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 fuq dikjarazzjoni ta' htija ghal dan ir-reat. B'zieda ma' dan, l-imputat ammetta wkoll il-htija tieghu ghall-aggravju taht il-proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 li zzid il-piena bi grad.

Fil-qies ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, il-Qorti tqis illi ghandha teroga piena li toqrob lejn il-minimum wara li tapplika z-zieda ta' grad fil-piena minhabba l-proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101, izda applikat ukoll tnaqqis ta' zewg gradi minhabba li l-imputat huwa minorenni ta' sittax-il sena (Art. 37 tal-Kap. 9).

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 8(d), 22, 22(2)(b), 22(2)(b)(i) u 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 31 u 37 tal-Kodici Civili, fuq ammissjoni qieghda ssib lil ARAB MOHAMMED FAISAL hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tikkundannah erba' (4) xhur prigunerija effettiva u ghall-fini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tordna li l-oġġetti kollha li dwarhom ikun sar ir-reat (Dok. JG4 u Dok. JG5) jiġu konfiskati favur il-Gvern, u kwantu ghal Dok. JG4 dan ghandu, minnufih li din is-sentenza tghaddi in gudikat, jigi distrutt taht is-sorveljanza tar-Registratur tal-Qorti u dan b'osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 670 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Fl-istess waqt, tirrakkomanda lill-Kap Ezekuttiv tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li l-imputat jithalla jiskonta l-piena tieghu fic-Centru Residenzjali ghal Servizzi Restorattivi (CoRRS) gewwa l-Imtahleb u sabiex jaghti lill-hati l-ghajnuna kollha u s-servizzi kollha mehtiega biex jista' jirriforma ruhu.**

**Billi ma gew mahtura l-ebda espert jew perit f'dawn il-proceduri u lanqas ma ngiebet l-ebda prova dwar il-hatra ta' xi espert jew perit f'xi inkjesta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba li saret ghall-fini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) u lid-Direttur Facilita' Korrettiva ta' Kordin.**

**Il-Qorti qieghda tordna li l-atti tal-proceduri kif ukoll kopja ta' din is-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**